15 ta' Diċembru, 1956

Imħallef:

Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Alessio Gatt *versus* Mary D'Emanuele ne.

## Lokazzjoni — Konkubinat — Prostituzzjoni — Żgumbrament

*Il-konkubinat biss ma jagħtix jedd għall-iżgumbrament minn post tal-abitazzjoni, sakemm ma jiġix pruvat li l-inkwilina qegħedha tirċievi amanti promiskwament u tgħix fil-post bħala, kif ingħad, "donna galante".*

Il-Qorti; — Rat id-domanda ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, għal kundanna tal-konvenuta nomine li tiżgombra, fi żmien li jiġi lilha prefiss minn din il-Qorti, mil-fond terran imsemmi "Mary" li qiegħed f'Simpson Street, il-Marsa; u dana billi obligat ruħha li toħroġ minnu u għalhekk qiegħdha tokkupah mingħajr titolu, bl-ispejjeż kompriżi 3s. ta' l-ittra interpellatorja;

Rat l-eċċezzjoni tal-konvenuta li hija qiegħdha tiddetjeni l-fond b'lokazzjoni;

Rat il-verbal tat-2 ta' Lulju, 1956 fejn l-attur żied bħala kawżali li għaliha qiegħed jitlob l-iżgumbrament, li l-fond qiegħed jiġi użat għal skopi immorali;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Awwissu, 1956, li biha irrespinġiet d-domanda bl-ispejjeż, wara li kkunsidrat;

Illi dwar l-ewwel kawżali, mill-provi jirriżulta illi l-konvenuta tikri l-fond "de quo" mingħand l-attur, u ma hijiex qiegħda tiddetjenieh bla titolu. Dak li jippretendi l-attur huwa li tiġi riżoluta l-lokazzjoni billi l-konvenuta ippromettiet li toħroġ. Din il-Qorti fuq dan il-pont tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tal-perit legali illi l-promessa tal-konvenuta li toħroġ mill-post kienet kondizzjonata li hija tmur l-Awstralja;

*Omissis;*

Illi kwantu għat-tieni kawżali, mill-provi jirriżulta illi l-attur ried il-fond biex tmur toqgħod fih bintu, u dina l-kawżali ġiet avanzata bħala aġġjunta, meta ra li l-perit kien ikkonkluda kontra tiegħu fuq l-ewwel kawżali;

Mill-provi rriżulta illi l-konvenuta tirċievi viżiti frekwenti ta' ċertu Carmelo li miegħu ammettiet li kellha ċerta intimità. Irriżulta ukoll illi fi tliet okkażjonijiet daħal għandha raġel ieħor, li però hija tgħid li daħal kontra l-volontà tagħha. Dawn il-fatti ma humiex biżżejjed biex jikkostitwixxu dak l-użu immorali tal-fond rikjest biex il-lokatur jista' jitlob ir-riżoluzzjoni tal-lokazzjoni. Il-konkubinat ma jikkostitwix dik il-prostituzjoni li tikkontempla l-liġi (Prim'Awla Ċivili 5.7.30, "Galizia vs Musù"); u kif jgħid il-Baudry — Lacantinerie (Locazione I, n. 719), ċitat b'approvazzjoni fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) 21.6.50 Schembri vs Marks, "il locatore non può nemmeno chiedere la risoluzione ad una donna che, senza esercitare apertamente la professione di donna galante, riceve degli amanti";

Illi mill-provi ma' jirriżultax illi l-konvenuta hija apertament "donna galante";

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talab li tiġi revokata, u li minflok jiġi deċiż għat-tenur tat-talbiet tal-attur — bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha talbet li l-appell jiġi miċħud u s-sentenza konfermata bl-ispejjeż;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Tnejn huma il-kawżali dedotti mill-attur għal bażi ta' l-istanza ta' żgumbrament — dik oriġinarja, ċjoè il-preteża okkupazzjoni bla titolu, u dik aġġunta "pendente lite" in prima istanza (preżumibbilment taħt id-dispożizzjoni tal-art. 221 Kap. 15), cioè il-pretiż użu tal-fond għal skopijiet immorali;

Kwantu għall-ewwel kawżali:
*Omissis;*

Kwantu għall-kawżali aġġunta;

Il-provi juru biss li l-konvenuta għandha relazzjonijiet illeċiti ma' ċertu Carmelo. Kien hemm raġel ieħor li pprova jallaċċja treska mal-konvenuta, però din irrespinġietu, u sa anki għedditu li ġġiblu l-Pulizija;

Dawn ir-relazzjonijiet ma' dan Carmelo, però, ma jiġġustifikawx id-domanda għall-iżgumbrament, għaliex il-fatt tal-konkubinat biss ma jgħatix jedd għall-iżgumbrament minn post ta' abitazzjoni, sakemm ma jiġix pruvat li l-inkwilina qiegħdha tirċevi amanti promiskwament u tgħix fil-post bħala — kif ingħad — "donna galante" (ara Appell Inf. "Schembri vs Marks", 21 ta' Ġunju, 1950 Vol. XXXIV, I, 417, u l-ġurisprudenza u d-dottrina fiha ċitati);

Għal dawn il-motivi u dawk ta' l-ewwel Qorti, li huma addottati:

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi.